MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2015

Numru. 444/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Kaies Belhareth**

**Kumpilazzjoni Nru: 444/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kaies Belhareth detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 37475 (M).

Akkuzat talli fil-25 ta’ Mejju, 2015 ghal habta tas-06:30 ta’ filghodu gewwa l-fond ‘Venini’, Flat Numru 3, Fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ martu Barbara Belhareth f’periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura gravi, hekk kif gie iccertifikat minn Dr.Ryna Camilleri M.D, bi ksur ta’ l-Artikoli 216, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Li bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Barbara Belhareth biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalha Biza’ u dan bi ksur ta’ artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli hedded lil martu Barbara Belhareth bil-fomm liema theddid kien jinvolvi wkoll ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur ta’ artikolu 249 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b)(d), 249(2) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-porceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li qalet l-parte leza dwar l-impatt ta' l-incident fuqha u fuq bintha minuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b)(d), 249(2) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' erbgha (4) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Barbara Belhareth u membri tal-familja taghha għaż-żamma ta'l-ordni pubblika qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur minn meta jigi mitlub jaghmel hekk ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-espert Dr Mario Scerri.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------